**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 98/19VG**

**Kanon Gaming Limited**

**Vs**

**L-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob**

**Illum 11 ta' April 2022**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Yobetit.com Ltd., illum magħrufa bħala Kanon Gaming Limited, fl-1 ta' Ottubru 2019, permezz ta' liema titlob li t-Tribunal iħassar, jikkanċella u jirrevoka d-deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob datata 17 ta' Settembru 2019 u jiddeċiedi li ebda multa ma għandha tiġi imposta fuqha jew, alternattivament, f'każ illi t-Tribunal xorta jsib li għandha tiġi imposta multa fuqha, jimponi multa f'ammont ieħor inqas minn dak impost mill-Awtorità, bl-ispejjeż kontra l-Awotirtà ta' Malta dwar il-Logħob;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "YB1" sa' Dok. "YB5" a fol. 10 sa' 28 tal-proċess;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mid-deċiżjoni tas-17 ta' Settembru 2019 u titlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà Rikorrenti, u minflok l-imsemmija deċiżjoni tiġi Ikkonfermata stante li: (i) in linea preliminari, dan it-Tribunal ma għandux kompetenza la li jiddeċiedi li fil-każ odjern ma għandhiex tiġi imposta multa fuq is-soċjetà Rikorrenti u lanqas ma jista' jiddeċiedi li jimponi multa f'ammont inqas minn dak impost minnha. L-Artikolu 43(1) tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li dan it-Tribunal jista' jara biss jekk l-Awtorità eżerċitatx jew ma eżerċitatx id-diskrezzjoni tagħha kif suppost u xejn iżjed; (ii) fil-mertu, l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tas-soċjetà Rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u d-deċiżjoni appellata hija ġusta u ttieħdet skond il-Liġi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta ta' l-Awtorità Intimata markati Dok. "MGA01" sa' Dok. "MGA06" a fol. 34 sa' 48 tal-proċess;

Sema' x-xhieda ta' Michael Hjelm mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2020[1] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "YB6" sa' Dok. "YB8" a fol. 64 sa' 76 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Rebekah Duca, rappreżentant ta' l-Awtorità Intimata, mogħtija waqt is-

[1] Fol. 77 sa' 85 tal-proċess.

seduti ta' l-4 ta' Diċembru 2020[2] u tal-11 ta' Mejju 2021[3] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "RL" a fol. 91 sa' 116 tal-proċess, ra d-dokumenti markati Dok. "TM1" sa' Dok. "TM3", Dok. "LM" u Dok. "BM" esebiti mis-soċjetà Rikorrenti permezz ta' Nota ppreżentata fil-11 ta' Diċembru 2020 a fol. 126 sa' 134 tal-proċess u ra d-dokument markat Dok. "RD02" esebit mill-Awtorità Intimata permezz ta' Nota ppreżentata fil-11 ta' Diċembru 2020 a fol. 135 sa' 139 tal-proċess;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà Rikorrenti a fol. 159 sa' 170 tal-proċess u ra n-Nota Responsiva ta' l-Awtorità Intimata a fol. 171 sa' 178 tal-proċess;

Sema' t-trattazzjoni orali finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Permezz ta' avviż ta' Notice of Breach and Sanction datat 17 ta' Settembru 2019[4] (hawn iktar 'l quddiem indikata bħala d-Deċiżjoni appellata), l-Awtorità Intimata għarrfet lis-soċjetà Rikorrenti li *with reference to the letter issued by the Malta Gaming Authority … dated 6th September 2019 … the Authority is hereby notifying Yobetit.com Ltd. … holding licence number MGA/B2C/227/2012, that the legal provisions referred to hereunder have been breached: 1. Regulation 12 of the Gaming and Commercial Regulations (S.L. 583.09), 2. Regulation 17 of the Gaming and Commercial Regulations (S.L. 583.09), 3. Regulation 18 of the Gaming and Commercial Regulations (S.L. 583.09), 4. Regulation 19 of the Gaming and Commercial Regulations (S.L. 583.09). In terms of Article 25(3) of the Gaming Act (Chapter 583 of the Laws of Malta) … the Authority is hereby imposing an administrative penalty amounting to ten thousand Euro (€10,000) as a sanction for breaching the aforementioned provisions of the law. The Authorised Person is hereby being directed to provide the Authority with evidence that the foregoing breaches have been rectified and pay the administrative penalty by not later than the 30th September 2019. The "Bank Narrative" relating to such payment should include the following reference number "NOB&S17092019". …*

Is-soċjetà Rikorrenti ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata fil-konfront tagħha u interponiet appell minnha quddiem dan it-Tribunal fejn titlob li t-Tribunal iħassar, jikkanċella u jirrevoka d-Deċiżjoni appellata u jiddeċiedi li ebda multa ma għandha tiġi imposta fuqha jew, alternattivament, f'każ illi t-Tribunal xorta jsib li għandha tiġi imposta multa fuqha, jimponi multa f'ammont ieħor inqas minn dak impost mill-Awtorità. Hija tibbaża l-appell tagħha fuq is-segwenti aggravju - *minkejja illi l-Awtorità għandha diskrezzjoni f'każijiet simili timponix multa jew le, din id-diskrezzjoni ġiet eżerċitata b'mod żbaljat u wasslet għal deċiżjoni ferm inġusta. … għalkemm il-liġi* [Regolament 33(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.09] *tuża l-kliem "tista' tiddeċiedi" l-Awtorità għandha dover illi teżerċita d-diskrezzjoni tagħha b'mod raġonevoli u ma timponix sanzjoni ġaladarba r-rekwiżiti fl-istess regolament jiġu sodisfatti u cioè: 1. Terza parti taġixxi mingħajr għarfien jew l-approvazzjoni tal-persuna awtorizzata; 2. Il-persuna awtorizzata ħadet il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex tali ksur ma jseħħx; 3. Il-persuna awtorizzata ħadet azzjoni suffiċjenti minnufih sabiex tirrettifika l-ksur; u 4. Tagħmel minn kollox sabiex il-ksur ma jerġax isir. Interpretazzjoni mod ieħor ta' kif l-Awtorità tista' teżerċita d-diskrezzjoni tagħha twassal għal sitwazzjoni ferm inġusta u arbitrarja fejn anke jekk persuna awtorizzata tkun issodisfat ir-rekwiżiti kollha, xorta*

[2] Fol. 121 sa' 124 tal-proċess.
[3] Fol. 150 sa' 157 tal-proċess.
[4] Dok. "YB1" a fol. 10 u 11 tal-proċess.

*tista' tiġi soġġetta għal sanzjoni li tista' tkun sanzjoni konsiderevoli għall-att jew ommissjoni li ma tkunx wettqet hi. F'dan il-każ jirriżulta biċ-ċar illi s-soċjetà appellanta tissodisfa r-rekwiżiti kollha hawn fuq imsemmija u cioè illi kien hemm terza persuna (Allied Newspapers Ltd.) li aġġixxiet mhux kif ġie miftiehem u allura mingħajr l-approvazzjoni tal-persuna awtorizzata; hija kienet infurmat lil Allied Newspaper Ltd. bir-rekwiżiti ta' l-informazzjoni li kellha tiġi pubblikata hekk kif evidenti wkoll fl-email ta' l-10 ta' April 2019 u għaldaqstant ħadet prekawzjonijiet neċessarji sabiex il-ksur ma jseħħx; hija ħadet azzjoni immedjata sabiex tirrettifika l-ksur hekk kif jirriżulta mill-email tas-27 ta' Awwissu 2019; u finalment hija itterminat ir-relazzjoni kummerċjali tagħha ma' Allied Newspaper Ltd. proprju biex dan il-ksur ma jerġax iseħħ. L-appellanta ma setgħet ħadet ebda azzjoni oħra sabiex tipprevjeni dan il-ksur li ġie mwettaq minn terza persuna li kienet ta' l-esperjenza f'dan il-qasam, kemm magħha, kif ukoll ma' operaturi oħrajn. In fatti b'kollox ġew pubblikati kważi tmintax-il artiklu minn Allied Newspapers Ltd. qabel ma seħħ dan il-każ in kwistjoni. Illi fil-kamp amministrattiv l-awtoritajiet għandhom jadottaw u jħaddnu raġonevolezza fil-proċeduri u deċiżjonijiet tagħhom … Illi huwa ċar illi fil-każ in kwistjoni, l-Awtorità ma wżatx id-diskrezzjoni tagħha b'mod raġonevoli u dan tenut kont illi l-liġi tagħti kriterji u gwidi ċari f'liema każijiet l-Awtorità m'għandhiex timponi sanzjonijiet amministrattivi. Fil-każ in eżami, dawn il-kriterji ġew sodisfatti u s-soċjetà appellanta m'għandhiex tbati l-konsegwenzi minħabba l-aġir negliġenti ta' terzi persuni li huma esperjenzati fil-kamp*[5].

L-Awtorità Intimata topponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mid-Deċiżjoni appellata u titlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija Deċiżjoni tiġi ikkonfermata stante li: (i) in linea preliminari, dan it-Tribunal ma għandux kompetenza la li jiddeċiedi li fil-każ odjern ma għandhiex tiġi imposta multa fuq is-soċjetà Rikorrenti u lanqas ma jista 'jiddeċiedi li jimponi multa f'ammont inqas minn dak impost minnha. L-Artikolu 43(1) tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta 'Malta jipprovdi li dan it-Tribunal jista 'jara biss jekk l-Awtorità eżerċitatx jew ma eżerċitatx id-diskrezzjoni tagħha kif suppost u xejn iżjed; (ii) fil-mertu, l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tas-soċjetà Rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u d-deċiżjoni appellata hija ġusta u ttieħdet skond il-Liġi.

Qabel ma jittratta l-appell tas-soċjetà Rikorrenti fil-mertu, it-Tribunal ser jittratta l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità Intimata ossia li dan it-Tribunal ma għandux kompetenza la li jiddeċiedi li fil-każ odjern ma għandhiex tiġi imposta multa fuq is-soċjetà Rikorrenti u lanqas ma jista 'jiddeċiedi li jimponi multa f'ammont inqas minn dak impost minnha.

**Eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità Intimata:**

L-Awtorità Intimata tibbaża l-eċċezzjoni preliminari tagħha fuq l-Artikolu 43(1), senjatament fuq l-ewwel *proviso* ta' l-imsemmi artikolu, ta' l-Att dwar il-Logħob, Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *Kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni ta' l-Awtorità tista', fi żmien għoxrin ġurnata minn meta jiġi notifikat lilha l-avviż ta' l-Awtorità, tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva: Iżda meta d-deċiżjoni li qed tiġi appellata tirrigwarda l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni mill-Awtorità, it-Tribunal m'għandux jidħol fil-merti ta' dik id-diskrezzjoni sakemm dik id-diskrezzjoni tkun ġiet eżerċitata kif suppost.*

Kuntrarjament għal dak pretiż mill-Awtorità Intimata, il-kompetenza tat-Tribunal ma hijiex regolata u delinejata biss bl-isemmi provvediment tal-Liġi iżda hija regolata u delinejata wkoll b'dak provdut fis-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 43 tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta, illi

[5] Rikors promotur, fol. 1 sa' 7 tal-proċess.

jipprovdi li *bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), it-Tribunal ikollu s-setgħa li jikkonferma jew jannulla deċiżjoni jew jagħti dak l-ordni dwarha kif jidhirlu xieraq.*

Għal kull buon fini jiġi osservat illi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *appell magħmul taħt dan l-artikolu ma jissospendix l-operat tad-deċiżjoni li dwarha jsir l-appell: Iżda deċiżjoni li tħassar liċenzja jew biex tiġi imposta penali amministrattiva skond dan l-Att jew xi strument regolatorju ieħor m'għandhiex tibda sseħħ qabel ma jispiċċa t-terminu li fih jista' jsir appell taħt dan l-artikolu u, jekk isir appell f'dan it-terminu, id-deċiżjoni għandha tibda sseħħ fid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal li tiċħad l-appell jew fid-data meta l-appell ikun deżert: Iżda wkoll meta jsir appell dwar deċiżjoni biex titħassar liċenzja jew xi awtorizzazzjoni oħra, sakemm l-appell jiġi deċiż il-liċenzja jew l-awtorizzazzjoni rilevanti għandha titqies sospiża.*

Fil-fehma tat-Tribunal is-subartikolu (1), inkluz l-ewwel *proviso* tiegħu, u s-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jinqraw flimkien u mhux separatament u minnhom jirriżulta li l-kompetenza tat-Tribunal hija ferm iktar wiesgħa minn kif pretiż mill-Awtorità Intimata. Di fatti ftit li xejn għandu jkun hemm dubju li ai termini ta' l-imsemmija provvedimenti tal-Liġi t-Tribunal għandu, oltre l-kompetenza li jikkonferma deċiżjonijiet mogħtija mill-Awtorità Intimata, kemm il-kompetenza li jiddeċiedi kontra deċiżjoni ta' l-Awtorità, inkluż li ebda multa ma għandha tiġi imposta fuq persuna awtorizzata, bil-konsegwenza li jannulla tali deċiżjoni kif ukoll il-kompetenza li jvarja deċiżjoni ta' l-Awtorità, inkluż billi jnaqqas multa li tkun ġiet minnha imposta fuq il-persuna awtorizzata.

Kieku kellu jitqies li t-Tribunal *m'għandux il-kompetenza jiddeċiedi illi fil-każ odjern m'għandhiex tiġi imposta multa fuq is-soċjetà appellanta*, kif pretiż mill-Awtorità Intimata fil-para. 1(1) tar-Risposta tagħha għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti, id-dritt ta' appell ta' l-istess soċjetà - u ta' kwalunkwe persuna awtorizzata oħra soġġetta għal deċiżjonijiet ta' l-Awtorità Intimata - jinġieb fix-xejn. Tali pretensjoni ta' l-Awtorità tmur għal kollox kontra l-ħsieb tal-Leġislatur u l-ispirtu tal-Liġi li fl-aħħar mill-aħħar tipprovdi li *kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni ta' l-Awtorità tista', fi żmien għoxrin ġurnata minn meta jiġi notifikat lilha l-avviż ta' l-Awtorità tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva*[6].

Għal kull buon fini jiġi osservat li l-uniċi żewġ ċirkostanzi fejn ma hemmx dritt ta' appell minn deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata u kwindi t-Tribunal ma jkollux il-kompetenza li jittratta u jiddeċiedi dwar dik il-kwistjoni, huma ben delinejati fit-tieni *proviso* ta' l-Artikolu 43(1) tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li: *iżda wkoll ma jkun hemm l-ebda appell minn: (a) deċiżjoni ta' l-Awtorità li timponi multa ta' mhux iżjed minn elfejn euro (€2,000) jew xi ċanfira jew twissija; u, jew (b) deċiżjoni ta' l-Awtorità li tiċħad l-għoti ta', jew li tissospendi jew tħassar liċenzja jew xi awtorizzazzjoni oħra għal raġunijiet ta' l-interess nazzjonali jew biex tissalvagwardja r-reputazzjoni ta' Malta* - ċirkostanzi dawn li ebda waħda minnhom ma tirriżulta fil-każ in eżami.

In kwantu rigwarda l-affermazzjoni ta' l-Awtorità Intimata li t-Tribunal *lanqas ma jista' jiddeċiedi li jimponi multa f'ammont ieħor inqas minn dak impost mill-Awtorità esponenti* - it-Tribunal jagħmel referenza speċifika għall-aħħar parti tas-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 43 tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jingħad b'mod ċar ħafna li l-istess Tribunal jista' *jagħti dak l-ordni dwarha* [ossia d-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata li tkun ġiet appellata] *kif jidhirlu xieraq*. Fil-fehma tat-Tribunal din l-aħħar parti tas-subartikolu (5) ta' l-Artikolu

[6] Artikolu 43(1) tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta.

43 tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta ma tista' tfisser xejn għajr li fil-każijiet kongruwi huwa jista' appuntu jvarja d-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk it-Tribunal iqis li l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità Intimata ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

**L-Appell fil-mertu:**

Id-Deċiżjoni appellata hija bbażata fuq il-vjolazzjoni tar-Regolamenti 12, 17, 18 u 19 tar-Regolamenti dwar Komunikazzjonijiet Kummerċjali fil-Logħob (iktar 'l quddiem indikati bħala r-Regolamenti), Leġislazzjoni Sussidjarja 583.09. It-Tribunal mhux ser jidħol f'kull wieħed mir-Regolamenti 12, 17, 18 u 19 stante li is-soċjetà Rikorrenti ma hijiex qed tiċħad li bħala fatt kien hemm il-vjolazzjoni ta' l-istess iżda tikkontendi li tali vjolazzjoni ma seħħitx da parte tagħha imma ġiet imwettqa minn terza persuna, ossia Allied Newspapers Limited, li kienet qed tipprovdilha servizzi ta' reklamar verso ħlas, minkejja il-prekawzjonijiet li ħadet l-istess soċjetà Rikorrenti biex ma jkunx hemm ksur tar-Regolamenti. Di fatti in sua difeża s-soċjetà Rikorrenti tinvoka dak provdut fir-Regolament 33, senjatament fil-*proviso* tas-subregolament (1) ta' l-imsemmi Regolament, tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.09.

Ir-Regolament imsemmi jipprovdi li: *(1) Persuna awtorizzata tkun responsabbli għal kull ksur ta' dawn ir-regolamenti, ukoll jekk l-azzjoni ma tkunx saret direttament minnha, iżda minn terza parti: Iżda l-Awtorità tista' tiddeċiedi li ma timponix sanzjonijiet amministrattivi fuq persuna awtorizzata jekk ikun jista' jintwera li t-terza parti tkun aġixxiet mingħajr l-għarfien jew l-approvazzjoni tal-persuna awtorizzata, u sakemm l-Awtorità tkun sodisfatta li il-persuna awtorizzata ħadet il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex tali ksur ma jseħħx, kif ukoll azzjoni suffiċjenti minnu fih sabiex tirrettifika l-ksur u tagħmel minn kollox sabiex il-ksur ma jerġax isir. (2) Persuna awtorizzata għandha, fl-eventwalità li l-attività tal-logħob tagħha qed tiġi reklamata jew promossa minn terza parti bi ksur ta' dawn ir-regolamenti, tagħmel minn kollox sabiex tirrettifika s-sitwazzjoni minnufih.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta b'mod ċar li l-oneru tal-prova għall-finijiet tal-*proviso* tas-subregolament (1) tar-Regolament 33 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.09 jinkombi esklussivament fuq il-persuna awtorizzata, ossia fuq is-soċjetà Rikorrenti fil-każ in eżami. Di fatti s-soċjetà Rikorrenti trid tipprova - u dana b'mod sodisfaċenti - li: (i) Allied Newspapers Limited aġixxiet mingħajr l-għarfien jew l-approvazzjoni tagħha; **u** (ii) li hija (ossia s-soċjetà Rikorrenti) ħadet il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex tali ksur ma jseħħx; **u** (iii) li hi (dejjem is-soċjetà Rikorrenti) ħadet azzjoni suffiċjenti minnufih sabiex tirrettifika l-ksur u tagħmel minn kollox sabiex il-ksur ma jerġax isir. Dawn ir-rekwiżiti huma kumulattivi u mhux alternattivi għal xulxin b'dana għalhekk li kull wieħed minnhom irid jissussisti sabiex l-imsemmi *proviso* jsib applikazzjoni fil-każ in eżami.

**Allied Newspapers Limited aġixxiet mingħajr l-għarfien jew l-approvazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti:**

Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li *l-proċedura li kienet tiġi segwita kull darba illi Allied Newspapers Limited kienet tippubblika artiklu għas-soċjetà esponenti fuq is-sit elettroniku tagħha (www.timesofmalta.com) kienet is-segwenti: Is-soċjetà esponenti kienet tipprepara l-kontenut ta' kull artiklu u tibgħatu lil Allied Newspapers Limited; Allied Newspapers Limited kienet tippubblika l-kontenut u żżid l-avviżi rikjesti mir-Regolamenti; Allied Newspapers Limited ma kienitx dejjem tinforma lis-soċjetà esponenti kull meta hija kienet effettivament tippubblika kull artiklu. Allied Newspapers Limited ippubblikat tlettax (13) -il artiklu in toto għas-soċjetà esponenti. Fl-10 ta' April 2019, is-soċjetà*

*esponenti ntebħet illi s-soċjetà Allied Newspapers Limited kienet naqset milli tippubblika l-avviżi rikjesti mir-Regolamenti meta ippubblikat artiklu partikolari għas-soċjetà esponenti, u għalhekk, Michael Hjelm, il-"Head of Marketing" tas-soċjetà esponenti kien, permezz ta' ittra elettronika (Dok. "YB3" mar-Rikors ta' l-Appell) bagħat javża lill-imsemmi Sur Keith Zammit, il-"Head of Online Sales" tas-soċjetà Allied Newspapers Limited is-segwenti: "Hi Keith, Could we please make an update to the article about the MEP elections? Since we mention that we have odds, we need the following text to be added at the bottom of the article (and every future article/material from us): Yobetit.com is licensed and regulated by the Malta Gaming Authority (MGA) under the following license: MGA/B2VC/227/2012. 18+ only. Play responsibly. For more information visit www.rgf.org.mt." Minkejja s-suespost, fid-19 ta' Awwissu 2019, Allied Newspapers Limited naqset milli tippubblika l-avviżi rikjesti mir-Regolamenti flimkien ma' l-artiklu tas-soċjetà esponenti illi deher fuq is-sit elettroniku www.timesofmalta.com, liema artiklu huwa s-suġġett ta' dawn il-proċeduri. Illi dan kien il-ħames artiklu illi ġie ppubblikat minn Allied Newspapers Limited għas-soċjetà esponenti. Illi inoltre, Allied Newspapers Limited lanqas ma avżat lis-soċjetà esponenti illi kienet ippubblikat l-artiklu imsemmi fid-19 ta' Awwissu 2019. Illi fil-fatt is-soċjetà esponenti saret taf għall-ewwel darba bil-pubblikazzjoni ta' l-artikolu tad-19 ta' Awwissu 2019, u bin-nuqqas ta' Allied Newspapers Limited illi tippubblika l-avviżi rikjesti mir-Regolamenti flimkien ma' l-istess, hekk kif hija rċeviet l-ittra ta' l-Awtorità appellata datata s-27 ta' Awwissu 2019 (Dok. "MGA01" annessa mar-Risposta ta' l-Awtorità appellata)*[7].

It-Tribunal iqis li l-affermazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti li Allied Newspapers Limited kienet tgħaddi għall-pubblikazzjoni ta' l-artikoli dwarha fuq is-sit elettroniku tagħha www.timesofmalta.com, mingħajr lanqas biss kienet tinfurmaha meta tali artikolu kien ser jidher, ma hija xejn għajr skuża fiergħa u ma huwiex affattu kredibbli li l-istess soċjetà ma kenitx tkun taf meta kien se jiġi ippubblikat l-artikolu u x'kien se jiġi ppubblikat fih.

Mid-dokument Dok. "TM3" esebit mis-soċjetà Rikorrenti a fol. 130 u 131 tal-proċess, li huwa l-*Partnership Proposal* mibgħut minn Allied Newspapers Limited lill-istess soċjetà Rikorrenti, joħroġ ferm ċar li l-intendiment u konsegwenti ftehim bejn iż-żewġ soċjetajiet kien li jkun hemm *a weekly advertising commitment* għal numru ta' ġimgħat u kwindi altru milli s-soċjetà Rikorrenti ma kenitx infurmata u taf meta l-artikolu relattiv kien se jiġi ippubblikat fuq is-sit elettroniku www.timesofmalta.com.

Fattur ieħor li juri biċ-ċar li ma jistax ikun li Allied Newspapers Limited kienet taġixxi ad insaputa tas-soċjetà Rikorrenti joħroġ mix-xhieda mogħtija minn Michael Hjelm[8] fejn iddikjara li *if we take Times of Malta for example, they publish it live on their site and people can access it before we get the draft, we don't get the draft before, they send the link and say here it is we are going to promote it on the front page when you approve but it's already live.* It-Tribunal mhux ser jidħol fil-mertu dwar jekk huwiex minnu li Allied Newspapers Limited kienet tavża lis-soċjetà Rikorrenti bil-pubblikazzjoni fl-istess ħin li ttella' l-artiku live fuq is-sit elettroniku tagħha stante li ma huwiex tant wisq il-punt in kwistjoni, iżda jenfasizza li mix-xhieda ta' Michael Hjelm jirriżulta b'mod ċar li s-soċjetà Rikorrenti kienet tkun taf bil-pubblikazzjoni ta' l-artikolu b'mod immedjat u għaldaqstant anke jekk, *dato ma non concesso,* li l-artikolu jkun già ġie pubblikat fuq is-sitt elettroniku, hija kellha kull opportunità u possibilità - jekk mhux addirittura obbligu - li tivverifika li dak l-artikolu jkun ġie ppubblikat in konformità mar-Regolamenti, ħaġa li però s-soċjetà Rikorrenti għażlet li ma tagħmilx.

---

[7] Para. v sa' xi tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà Rikorrenti, fol. 160 u 161 tal-proċess.
[8] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2020, fol. 77 sa' 85 tal-proċess.

Fid-dawl ta' dan osservat it-Tribunal iqis li l-ewwel rekwiżit previst fil-*proviso* tas-subregolament (1) tar-Regolament 33 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.09 ma ġietx sodisfaċentement ippruvat mis-soċjetà Rikorrenti.

**Is-soċjetà Rikorrenti ħadet il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex tali ksur ma jseħħx:**

Kif già iktar 'l fuq osservat, is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li ħadet il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex il-ksur tar-Regolamenti ma jseħħx għaliex fl-10 ta' April 2019, ossia diversi xhur qabel il-pubblikazzjoni ta' l-artikolu mertu ta' dawn il-proċeduri, u b'referenza għal artikolu distint minn dak in kwistjoni, kienet bagħtet email lil Allied Newspapers Limited fejn tgħid: *Hi Keith, Could we please make an update to the article about the MEP elections. Since we mention that we have odds, we need the following text to be added at the bottom of the article (and every future article/material from us): Yobetit.com is licensed and regulated by the Malta Gaming Authority (MGA) under the following license: MGA/B2VC/227/2012. 18+ only. Play responsibly. For more information visit www.rgf.org.mt.*[9]

Fil-fehma tat-Tribunal din l-email waħedha ċertament ma tistax titqies bħala li is-soċjetà Rikorrenti ħadet il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex ir-Regolamenti ma jiġux vjolati. Minn din l-email jirriżulta ċar li l-artikoli li kellha tippubblika Allied Newspapers Limited għas-soċjetà Rikorrenti kienu jinkitbu mill-istess soċjetà Rikorrenti, fatt dan minnha stess ikkonfermat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, u għaldaqstant it-Tribunal ma jara assolutament l-ebda raġuni għalfejn u għaliex is-soċjetà Rikorrenti ma kenitx hi stess tinkludi dak rikjest mir-Regolamenti fl-artikolu li kienet tgħaddi lil Allied Newspapers Limited għall-pubblikazzjoni. Fil-fehma tat-Tribunal dan huwa l-iktar mod ċert kif is-soċjetà Rikorrenti setgħet tassikura ruħha li dak rikjest mir-Regolamenti effettivament iseħħ u jiġi osservat minn terzi persuni, iktar u iktar meta mill-provi jirriżulta li già fil-passat kellha kwistjonijiet simili ma' l-Awtorità Intimata fir-rigward ta' artikoli u/jew riklami ppubblikati minn terzi persuni oħra. Punt ieħor ta' rilevanza f'dan il-każ huwa li s-soċjetà messha insistiet ma' Allied Newspapers Limited li tibgħatilha l-abboz ta' l-artikolu li kellu jiġi pubblikat fl-intier tiegħu qabel ma dan effettivament jittella' fuq is-sit elettroniku www.timesofmalta.com. B'dan il-mod ukoll kienet tassigura ruħha li ma jkunx hemm irregolaritajiet f'dak li finalment jiġi pubblikat.

Is-soċjetà Rikorrenti tipprova taħrab minn tali responsabilità hekk ovvja u evidenti tagħha billi tikkontendi li Allied Newspapers Limited kienet intrabet magħha bħala *affiliate* u b'hekk kienet marbuta bl-*affiliate terms and conditions* proposti mill-istess soċjetà Rikorrenti, fosthom il-kondizzjoni numru 3.5 *Responsibility for Your Site and Other Sources of Traffic*, li tipprovdi li *You will be solely responsible for ensuring that materials posted on your site comply with respective local laws. You warrant and undertake that your site will not contain any material which is defamatory, violent, pornographic, unlawful, threatening, obscene or racially, ethnically, or otherwise discriminatory, or in breach of any third party rights and shall not link to any such material. We disclaim all liability for these matters. Your site or other sources of traffic you use in order to promote YoAffiliates shall not give the impression that it is owned or operated by YoBetit. YoBetit will not be ….*

It-Tribunal l-ewwel u qabel kollox josserva li għal raġunijiet li taf hija biss, is-soċjetà Rikorrenti ma pprovdietx il-kondizzjoni numru 3.5 fl-intier tagħha. In fatti mid-dokument Dok. "YB2" esebit mis-soċjetà Rikorrenti, senjatament a fol. 16 tal-proċess, huwa evidenti li

[9] Dok. "YB3" a fol. 23 tal-proċess.

parti minn din il-kondizzjoni tħalliet barra stante li l-istess tispiċċa bil-kliem *YoBetit will not be*. Apparte minnhekk, it-Tribunal ma jqisx li din il-kondizzjoni tista' b'xi mod teżonera lis-soċjetà Rikorrenti minn kwalunkwe responsabilità nascenti mir-Regolamenti u b'mod partikolari mir-Regolament 33 ta' l-istess. Dawn it-termini u kondizzjonijiet li fl-aħħar mill-aħħar jirregolaw ir-relazzjoni kummerċjali bejn is-soċjetà Rikorrenti u l-affiliates tagħha, b'Allied Newspapers Limited allegatament waħda minnhom, huma *res inter alios acta* għalihom bl-ebda effett la fuq ir-Regolamenti u wisq inqas fir-rigward ta' l-Awtorità Intimata.

It-Tribunal josserva li ma huwiex affattu aċċettabbli li persuna awtorizzata tittenta tiskopla ruħha mill-obbligi statutorji tagħha bil-mod kif is-soċjetà Rikorrenti tittenta tevita kull responsabilità f'dan il-każ. Kieku sempliċi ftehim kellu jelimina kull responsabilità statutorja ta' persuna awtorizzata, ir-Regolamenti jiġu reżi għal kollox superfluwi u inutili, Regolamenti li fl-aħħar mill-aħħar huma intiżi sabiex inisslu fil-persuni awtorizzati sens ta' prudenza u ta' kawtela fl-aġir tagħhom fl-interess aħħari tal-pubbliku ġenerali. Dan ma għandux jiġi skartat leġġerment bħala konsegwenza ta' ftehim privat bejn il-persuna awtorizzata u t-terz.

It-Tribunal jirribadixxi li l-uniku mod kif is-soċjetà Rikorrenti setgħet verament tieħu il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex ir-Regolamenti ma jiġux vjolati kien billi hi stess tinkludi dak rikjest mill-istess Regolamenti fl-artikoli li kienet tibgħat għall-pubblikazzjoni u taċċerta ruħha li tali kontenut effettivament jibqa' rifless f'dak effettivament pubblikat.

Fid-dawl ta' dan osservat it-Tribunal iqis li lanqas dan it-tieni rekwiżit previst fil-*proviso* tas-subregolament (1) tar-Regolament 33 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.09 ma ġiet sodisfaċentement ippruvat mis-soċjetà Rikorrenti.

**Is-soċjetà Rikorrenti ħadet azzjoni suffiċjenti minnufih sabiex tirrettifika l-ksur u tagħmel minn kollox sabiex il-ksur ma jerġax isir:**

Kif già osservat iktar 'l fuq, is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li siccome Allied Newspapers Limited kienet tgħaddi għall-pubblikazzjoni ta' l-artikoli mingħajr ma tinfurmaha minn qabel li kienet se tagħmel dan, hija saret taf bl-irregolarita fl-artikolu pubblikat fid-19 ta' Awwissu 2019 fuq is-sit elettroniku www.timesofmalta.com biss meta rċeviet l-avviż ta' l-Awtorità Intimata datat 27 ta' Awwissu 2019[10] u tikkontendi wkoll li hekk kif irċeviet dan l-avviż, permezz ta' email datata 27 ta' Awwissu 2019[11] immedjatament għaddiet biex tirrettifika tali rregolarita.

It-Tribunal, hu u jittratta l-ewwel rekwiżit tal-*proviso* tas-subregolament (1) tar-Regolament 33 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.09, già wasal għall-konklużjoni li ma huwiex minnu li Allied Newspapers Limited aġixxiet mingħajr l-għarfien jew l-approvazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti. Konsegwentement jirriżulta li ma jistax ikun li l-istess imsemmija soċjetà saret taf li fid-19 ta' Awwissu 2019 ġie ippubblikat l-artikolu mertu tad-Deċiżjoni appellata biss fis-27 ta' Awwissu 2019 u dana għaliex l-Awtorità Intimata ġibditilha l-attenzjoni għalih. Jiġi ribadit li Michael Hjelm stess qal li Allied Newspapers Limited kienet tinforma lis-soċjetà Rikorrenti bl-artikolu li se jkun se jiġi ppubblikat fil-ħin li jittella' live fuq is-sit elettroniku tagħha u t-Tribunal già osserva li s-soċjetà Rikorrenti kellha kull opportunità u possibilità - jekk mhux addirittura obbligu - li tivverifika li dak l-artikolu jkun ġie ppubblikat in konformità mar-Regolamenti. Hija din l-azzjoni li titqies

[10] Dok. "MGA01" a fol. 34 sa' 36 tal-proċess.
[11] Dok. "YB4" a fol. 24 tal-proċess.

azzjoni f'waqtha u tempestiva sabiex jiġi rettifikat il-ksur u mhux sempliċi reazzjoni għal avviż da parte ta' l-Awtorità ben tmint ijiem wara li kien ġie ippubblikat dak l-istess artikolu.

Is-soċjetà Rikorrenti tallega li l-azzjoni li ħadet biex dan il-ksur ma jerġax iseħħ kienet f'li l-ftehim ma' Allied Newspapers Limited ġie tterminat b'effett immedjat f'Settembru 2019. Din l-allegazzjoni però, bħal diversi allegazzjonijiet oħra avvanzati mis-soċjetà Rikorrenti, ma ġietx debitament u sodisfaċentement ippruvata in kwantu ma tressqet assolutament l-ebda prova ta' tali terminazzjoni.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-Tribunal iqis li s-soċjetà Rikorrenti lanqas ma irnexxielha tipprova b'mod sodisfaċenti t-tielet rekwiżit tal-*proviso* tas-subregolament (1) tar-Regolament 33 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.09.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat, it-Tribunal iqis li l-*proviso* tas-subregolament (1) tar-Regolament 33 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.09 ma jsibx applikazzjoni fil-każ odjern u l-Awtorità Intimata ġustament għażlet li ma tapplikahx u tipproċedi bl-imposizzjoni ta' multa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti.

**Kontestazzjoni ulterjuri għad-Deċiżjoni appellata:**

Apparte l-aggravju ċentrali tagħha, is-soċjetà Rikorrenti tissolleva kontestazzjoni ulterjuri għad-Deċiżjoni appellata u dana in kwantu jirrigwarda l-fatt li skontha l-istess Awtorità bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq vjolazzjonijiet preċedenti li fihom kienet involuta l-imsemmija soċjetà.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà Rikorrenti tissottometti li *fil-korrispondenza kollha illi ġiet skambjata bejn is-soċjetà esponenti u l-Awtorità appellata fir-rigward ta' l-artiklu de quo illi deher fuq is-sit elettroniku ta' Allied Newspapers Limited fid-19 ta' Awwissu 2019, is-soċjetà* [recte: l-Awtorità] *appellata qatt ma semmiet vjolazzjonijiet oħra allegatament kommessi preċedentement mis-soċjetà esponenti. Kien fil-fatt biss fir-Risposta ta' l-Awtorità appellata għal dawn il-proċeduri illi l-Awtorità appellata, għall-ewwel darba, sostniet illi r-raġuni għalfejn iddeċidiet li seħħ ksur tar-Regolamenti mis-soċjetà esponenti u r-raġuni għalfejn iddeċidiet illi timponi sanzjoni amministrattiva kien għaliex is-soċjetà esponenti kienet allegatament ivvjolat ir-Regolamenti drabi oħra. Il-fatt jibqa' illi fir-rigward ta' kull każ illi dwaru ġiet skambjata korrispondenza bejn l-Awtorità appellata u s-soċjetà esponenti, għal xi raġuni jew oħra, l-Awtorità appellata qatt ma ddeċidiet illi tieħu azzjoni kontra s-soċjetà esponenti ħlief fil-każ tal-artiklu de quo illi deher fuq www.timesofmalta.com fid-19 ta' Awwissu 2019. Illi għall-finijiet ta' din in-Nota, mill-kwistjonijiet preċedenti kollha illi fuqhom iffokat id-difiża kollha tagħha l-Awtorità appellata, is-soċjetà esponenti ser tirreferi biss għall-kwistjoni preċedenti illi kkonċernat artiklu tas-soċjetà esponenti illi kien deher fuq is-sit elettroniku ta' LovinMalta, u dan billi fil-minuti tad-deċiżjoni illi ttieħdet mill-kumitat ta' l-Awtorità appellata fil-11 ta' Settembru 2019 … dwar l-artiklu in kwistjoni illi deher fuq www.timesofmalta.com kien dan l-artiklu preċedenti illi kien deher fuq is-sit elettroniku ta' LovinMalta illi għalih saret referenza. Illi kemm in eżami u kif ukoll in kontro-eżami, fl-4 ta' Diċembru 2020 u fil-11 ta' Mejju 2021, rispettivament, ix-xhud ta' l-Awtorità appellata ikkonfermat illi l-Awtorità appellata iddeċidiet illi ma timponix sanzjoni amministrattiva u ma tieħux azzjoni fil-konfront tas-soċjetà esponenti in rigward ta' allegata vjolazzjoni illi ġiet kommessa minnha meta ġiet ippubblikata komunikazzjoni kummerċjali tagħha fuq is-sit elettroniku ta' LovinMalta f'Marzu tas-sena 2019 u dan abbażi ta' raġuni speċifika, u cioè billi meta ġiet ippubblikata din il-komunikazzjoni kummerċjali, għalkemm ir-Regolamenti kienu ġew ippromulgati, kienu għadhom ma ġiewx ippubblikati l-Commercial Communications Committee Guidelines. Illi minkejja s-suespost, minn ħarsa lejn il-motivazzjonijiet tad-*

*deċiżjoni tal-kumitat ta' l-Awtorità appellata, fuq il-"Memo" annessa mill-imsemmija xhud bħala Dok. "RL" waqt ix-xhieda tagħha ta' l-4 ta' Diċembru 2020, ir-raġuni għas-sejba ta' kommissjoni ta' vjolazzjoni da parti tas-soċjetà esponenti u r-raġuni għall-impożizzjoni ta' sanzjoni amministrattiva fis-somma konsiderevoli ta' għaxart elef euro (€10,000) hija bbażata fuq l-allegata vjolazzjoni preċedenti imsemmija supra illi fir-rigward tagħha l-Awtorità, għal raġuni speċifika, kienet iddeċidiet illi tirtira kull azzjoni. Għandu, bir-rispett, mill-ewwel jingħad illi huwa rraġonevoli, inġust u kontra kull prinċipju tal-ġustizzja naturali, illi persuna tiġi kkastigata fuq kwistjoni illi hija ma tingħatax l-opportunità li tiddefendi ruħha dwarha. Billi l-Awtorità appellata kienet iddeċidiet illi tirtira kull azzjoni fil-konfront tas-soċjetà esponenti fir-rigward tal-komunikaàzzjoni kummerċjali illi kienet dehret fuq is-sit elettroniku tal-LovinMalta f'Marzu tas-sena 2019, naturalment is-soċjetà esponenti ma kellha l-ebda opportunità illi tikkontesta kwalunkwe konkulżjoni illi setgħet għamlet l-Awtorità appellata fir-rigward. In vista ta' dan, l-Awtorità appellata qatt ma tista' tikkastiga lis-soċjetà esponenti minħabba allegata vjolazzjoni preċedenti illi s-soċjetà esponenti qatt ma kellha d-dritt illi tiddefendi ruħha dwarha[12].*

Minn eżami akkurat tal-provi prodotti t-Tribunal ma jistax jaqbel ma' l-affermazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti li l-Awtorità Intimata tat id-Deċiżjoni appellata a bażi ta' vjolazzjonijiet preċedenti tar-Regolamenti da parte tas-soċjetà Rikorrenti. Mix-xhieda ta' Rebekah Duca u mill-provi dokumentarji esebiti minnha, b'mod partikolari mill-minuti tal-laqgħa tal-Compliance and Enforcement Committee miżmuma fil-11 ta' Settembru 2019, jirriżulta ferm ċar li l-bażi tad-Deċiżjoni appellata hija l-vjolazzjoni attwali u effettiva tar-Regolamenti 12, 17, 18 u 19 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.09 bl-artikolu li deher fuq is-sit elettroniku tat-Times of Malta nhar id-19 ta' Awwissu 2019, vjolazzjoni din li del resto ma ġietx miċħuda mis-soċjetà Rikorrenti imma sempliċement ippruvat tixħet ir-responsabilità għall-istess fuq terza persuna.

Fl-imsemmija laqgħa ġie kkunsidrat u deċiż is-segwenti: *yobetit.com Limited … was discussed. It was agreed that KMP shall confirm with Heathcliff Farrugia whether the previously issued four thousand euro (€4,000) fine, relating to a similar breach, was withdrawn. In relation to the **new breach pertaining to the article published on Times of Malta**[13] … the Committee remarked that regulations 12, 17, 18 and 19 of the Commercial Communications Regulations (S.L. 583.09) had been breached. Moreover, the Committee **also took into consideration**[14] the fact that a similar breach was committed by Yobetit in March 2019. In light of this, the Committee, following the assessment of the applicable penalty parameters agreed that a ten thousand euro (€10,000) fine shall be issued*[15].

Mill-minuta appena ċitata jirriżulta b'mod ċar li l-vjolazzjoni preċedenti da parte tas-soċjetà Rikorrenti tar-Regolamenti ittieħdet in konsiderazzjoni **biss** għall-finijiet tal-*quantum* tal-multa li ġiet imposta fuqha. Dan ġie kkonfermat minn Rebekah Duca[16] stess illi ddikjarat li l-bażi tad-Deċiżjoni appellata kienet *ovvjament l-affarijiet li kienu neqsin u l-awtorità tieħu into consideration kemm-il darba kien hemm affarijiet qabel jiġifieri ħadna into consideration li din ma kinitx l-ewwel darba u għalhekk il-fine telgħet għal dak l-ammont.*

Għalkemm huwa veru li fil-każ ta' l-artikolu ppubblikat fis-sit elettroniku ta' LovinMalta l-Awtorità Intimata għażlet li tirtira l-multa amministrattiva imposta fuq is-soċjetà Rikorrenti

[12] Para. i sa' vii tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà Rikorrenti, fol. 166 u 167 tal-proċess.
[13] Enfasi tat-Tribunal.
[14] Enfasi tat-Tribunal.
[15] A tergo ta' fol. 116 tal-proċess.
[16] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2020, fol. 121 sa' 124 tal-proċess.

għaliex għad illi r-Regolamenti kienu daħħlu fis-seħħ, kienu għadhom ma ħarġux il-Guidelines da parte ta' l-Awtorità[17], jiġi osservat però li dan il-każ seħħ biss ftit xhur qabel il-każ odjern u wieħed jistenna li s-soċjetà Rikorrenti finalment, għaliex già kellha *warnings* preċedenti mill-Awtorità, kienet tifhem li r-Regolamenti - li indubbjament għandhom saħħa ta' liġi - qegħdin hemm biex jiġu osservati u mhux għal kollox injorati. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u fl-assjem ta' dak kollu li rriżulta dwar l-aġir tas-soċjetà Rikorrenti tul iż-żmien, it-Tribunal iqis li multa amministrattiva ta' €10,000 fil-każ in eżami hija multa ġustifikata u raġonevoli.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-Tribunal iqis li d-Deċiżjoni appellata hija mhux biss ġusta u legali iżda hija għal kollox raġonevoli u għaldaqstant l-appell tas-soċjetà Rikorrenti minnha ma huwiex ġustifikat u ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

**DECIDE:**

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità Intimata fir-rigward tal-kompetenza tat-Tribunal f'appelli ai termini ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta, jiċħad l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mid-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata datata 17 ta' Settembru 2019, fil-mertu u minflok jikkonferma l-istess imsemmija deċiżjoni.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà Rikorrenti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[17] Vide xhieda ta' Rebekah Duca mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2020, fol. 121 sa' 124 tal-proċess.